# KUNSILL LOKALI NADUR

## MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Nadur

## DISA’ (9) LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru Għoxrin (20)

## It-Tlieta, 3 ta’ Novembru 2020

Il-Kunsill Lokali tan-Nadur iltaqa’ fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq it-Tramuntana, Nadur (Għawdex), fil-4:30pm. (bdiet fil-5:00 p.m. minħabba funeral li kellhom il-Kunsilliera)

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Edward Said | Sindku |
| Eucharist Camilleri | Viċi Sindku |
| Joseph Vella | Kunsillier |
| Jean Paul Portelli | Kunsillier |
| Josef Camilleri | Kunsillier |
| Owen Buġeja | Ambaxxatur taż-Żgħazagħ |

**UFFIĊJALI PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Sue Ellen Buġeja | Segretarju Eżekuttiv |

**MINUTI**

Il-laqgħa bdiet b’talba.

**20.1. Qari tal-ittri ta’ l-apoloġiji.**

Ma kien hemm ħadd assenti.

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva

**20.2. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti u Skeda tal-Pagamenti**

Il-Minuti tas-sittax (18) il-laqgħa tas-6 ta' Ottubru, 2020 u tal-laqgħa b'urgenza 19 tat-23 ta' Ottubru ġew ikkoreġuti, approvati, iffirmati u ddikjarati bħala dokumenti uffiċjali. Dawn kienu ntbagħtu lil Kunsilliera bil-quddiem għall-kunsiderazzjoni tagħhom. Filwaqt li dawn ġew approvati unanimament, l-iskeda tal-pagamenti numru 18 ġiet iffirmata mis-Sindku, Segretarju Eżekuttiv, Proponent:-Eucharist Camilleri u Sekondant:-Joseph Vella. Il-Viċi Sindku, Eucharist Camilleri innota li għalkemm ma setax jidħol fil-laqgħa b'urgenza minħabba impenji ta' xogħol hu jaqbel mal-mozzjoni li saret fir-rigward tal-M4.3. Is-Sindku għamel rimarka rigward il-VL tas-Segretarju Ezekuttiv li kellha tidħol fl-aħħar minuti minħabba deadline.

**20.3. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti;**

Is-Sindku ta' l-aħħar żviluppi dwar is-sitwazzjoni finanzjarja.

**Varjazzjonijiet fuq it-Toroq Rurali:** Il-Kunsill għadu qed jistenna mingħand il-MGOZ rigward għajnuna.

**Rural Roads Co-Financing**: Is-Segretarja bgħatet id-dokumenti mitluba lil ARPA u qed nistennew li jgħalqu kollox minn naħa tagħhom biex imbgħad nibgħatu lil Board tal-Co-financing għal l-aħħar pagament.

Daħlu 11,000 euro fuq l-iskema tal-Karnival mingħand id-DLG. Il-Kunsill għadu jrid jirċievi 15,000 euro tal-Karnival ukoll tal-MGOZ. Is-Segretarja ser tibgħat xi dokumenti oħra mitluba.

Kien hemm xi kontijiet li daħlu fl-aħħar ġurnata ta' Jason Saliba u tal-Muzew tal-bniet u dawn ġew spjegati lil Kunsilliera u aċċettati sabiex jidħlu fl-iskeda. Kien hemm qbil unanimu fuq l-iskedi ppreżentati u dawn ġew iffirmati.

**20.4. Komunikazzjoni mis-Sindku, Mistoqsijiet u Żviluppi mill-Kunsilliera.**

***Is-Sindku ppreżenta dawn l-iżviluppi:***

**20.4.1** ***Qtugħ ta' ħaxix –*** Dan baqa għaddej fl-inħawi kollha tan-Nadur skond il-bzonn u l-widien.

**20.4.2** ***Ħafna xogħol wara l-maltemp-*** Tkomplew jinbnew numru ta' ħitan tas-sejjieħ, kemm li waqgħu bil-maltemp u anke oħrajn.

**20.4.3** ***Bolovostri fi Triq ir-Rabat-*** dawn daqt ikunu lesti u imbgħad jinbidlu.

***20.4.4 Bozza fi Triq tad-Duru-*** Din lesta u xegħlet.

***20.4.5 Bins Għajn Qasab***- Dawn għadom ma gabuhomx mill-MGOZ.

***20.4.6 Yellow lines fi Triq il-Buskett u Triq l-Arc. Saver Cassar-*** dawn lesti.

***20.4.7 Bozza fi Triq Piju Cellini-*** Din tħarket lesta

***20.4.8 Talba għal passaġġ fil-bajja ta' San Blas***- Qed nistennew mingħand il-Perit.

***20.4.9 Talba għal gate fi sqaq tal-Pjazzetta***- Din qed tinħadem.

***20.4.10 Fuljett Novembru 2020-*** Is-Sindku were kopja tal-fuljett lil Kunsilliera u dan ser jitqassam lir-residenti fil-granet li ġejjin.

***20.4.11 Lapida fi Triq Xandriku-***Din ġiet ordnata peress li sid id-dar riċenti huwa kuntett u l-Kotba fuq l-ewwel mara minn Nadur tieħu l-fotografija jiswew 80euro il-wieħed. Kien hemm qbil li l-Kunsill jixtri tnejn għal librerija u ieħor għal Kunsill.

***20.4.12 Zbir ta' sigar fi Triq Guze Ellul Mercer –*** Dawn inzabbru minn ELC.

***20.4.13 Zbir ta' sigra fil-Wied ta' Grejgel-*** Din lesta.

***20.4.14 Ċint biex jitranga bi ftit kantuuni fi Triq Bingemma-*** dan iċ-ċint lest.

***20.4.15 Sement f'rampa fi Triq Wied ir-Rihan, Triq San Gwann u Triq ir-Rabat-*** Dawn lesti.

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva

***20.4.16- Sleeping Policeman fi Triq Ħida-*** Peress li minn għamel it-talba bejħ id-dar, il-Kunsill issa jista' ineħħija.

***20.4.17- Impjieġ ta' Supervisor skala 16–*** Kien hemm applikant wieħed biss Ivan Xuereb u ser isir l-interview.

**20.4.18** ***Pendenti*** –Street paint tat-Triq it-Tigrija, Patching fi Triq Fatima, Sement fi Triq ta' kenuna, Trab fil Partita ta' San Blas, Sement fi Triq tax-Xini, Sement fi Sqaq ta' Majza, Patch fi Triq Ħida.

**20.4.19** ***Żviluppi dwar Talbiet minn Jean Paul Portelli:***

- Ħitan fi Triq Daħlet Qorrot- Fadal ħajt wieħed.
- Ħitan ta' Xħajma – Is-Segretarja bgħatel lil MGOZ bis-sistema tal-customer care.
- Sement taħt bankina fi Triq ir-Rabat- Dan ix-xogħol lest.
- Ħaxix fil-passaġġ tal-Ħali- Dan ix-xogħol lest ukoll.
- Pendenti: Il-Gibjun tal-Pjazza biex niċċekjaw jaħdimx, Passaġġ bit-torba tax-Xini.

**20.4.20** ***Żviluppi dwar Talbiet minn Joseph Vella***:

- Gandott biex jitnaddaf tad-Duru- Dan lest.
- Pendenti:- Sqaq ta' majza il-bollard u sement.

**20.4.21** ***Żviluppi dwar Talbiet minn Josef Camilleri***:

- Ħajt fi Triq il-Qortin- tkompla biċċa oħra.
- Zbir tas-sigra tal-monument tal-iskola- Dan iz-zbir sar.
- Pendenti: Sement fi Sqaq tad-Duru- Dan ser isir il quddiem.

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva

**20.4.22 *Żviluppi dwar Talbiet minn Eucharist Camilleri***:

- Rigward is-sistema tal-Panelli fi Triq Inzul il-Franċizi- Il-Kunsill qed jistenna mingħand l-Enemalta biex jinbeda x-xogħol.
- Fuq ir-Restawr tal-Gibjun – Għadna bla risposta.
- Bike rack fi Triq ta' l-iskola- Il-Kunsill qed jistenna li tasal il-bike rack.
- Bankina fi Triq l-Imnarja- Din il-bankina u rampa lesti.
- Zbir sigar tas-sorijiet-dawn lesti ukoll.
- Pendenti: Sement fi Triq ir-Rabat, Patch fi Triq il-Knisja, u bini ta' Ħajt f'Daħlet Qorrot.

**20.5. Offerti Pubbliċi;**

**NLC/05/2020 Kwotazzjoni 'Christmas Street Decorations'**- Kien hemm offerta waħda ta' D Illumination Ltd bl-ammont ta' 7,800 euro. Din ġiet approvata mill-Kunsilliera dejjem suġġett jekk tkun konformi u approvata mill-bord tal-Evalwazzjonijiet tal-Offerti.

**20.6. Korrispondenza;**

| | |
|---|---|
| 6706 | Cirk. 20/121- Presidents fun walk 2020- ***Din l-attivta' tħassret min naħa tagħhom minħabba l-Covid-19. Il-Kunsill tan-Nadur ma kienx ser jieħu sehem minħabba is-sitwazzjoni.*** |
| 6707 | cirk. AKL 2020/114-The building and const. Agency |
| 6708 | PQ 16487- Kunsilli Lokali u l-uzu mill-iskejjel tal-istat |
| 6709 | E mail mingħand id-DLG dwar Laqgħat tal-Kunsilli Lokali |
| 6710 | Cirk AKL 2020/115- Ittra mingħand TM u l-AKL rigward it-tabelli |
| 6711 | Cirk AKL 2020/032 Tnedija tal-ewwel sejħa - Progett EUCF Webinar |
| 6712 | Cirk. AKL 2020/113- Sessjoni Informattiva- Poloz tal-Assigurazzjoni u Saħħa u Sigurta fuq il-post tax-xogħol |

| | |
|---|---|
| 6713 | Cirk. AKL 2020/117- Laqgħat tal-Kunsilli Reġjonali u Kunsilli |
| 6714 | PQ 16717 |
| 6715 | Ittra mingħand Nadur Youngsters FC dwar unloading bay quddiem Nadur Football club- ***Kien hemm qbil li jintalab approvazzjoni mingħand il-ħwienet fil-viċin.*** |
| 6716 | Cirk. AKL 2020/078- Kontroll fuq il-ħamiem selvaġġ |
| 6717 | Cirk. AKL 2020/118- Skema ta' tħawwil ta' sigar f'zoni fil-lokalita'- Ministeru ghat-Turizmu |
| 6718 | Cirk. AKL 2020/119- Minuti Laqgħa AKL no.38 |
| 6719 | Cirk. AKL 2020/120- Applikazzjonijiet għal-Proġett Youth Say |
| 6720 | Outdoor gym assistance scheme- MGOZ- ***Kien hemm qbil li l-Kunsill japplika kemm għal playing field tal-Ħali, kif ukoll għal Belvedere tad-Duru.*** |
| 6721 | PQ 16896 |
| 6722 | PQ1653/16954/16955 |
| 6723 | PQ 16020 |
| 6724 | PQ16488 |
| 6725 | Pjanijiet ta' Kontingenza - covid-19 |
| 6726 | Ittra mingħand George Mizzi dwar Ġrajjiet Gaudos- ***Kien hemm qbil li din l-attivita' għandha tkun bil-Kollaborazzjoni tal-Kunsill.*** |
| 6727 | Cirk. AKL 2020/116- Outdoor portable water dispensers- ***Kien hemm qbil li l-Kunsill għandu juri l-interess.*** |

***Rimarki oħra:-***

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva

Is-Sindku irramarka li Kien hemm tlett talbiet fuq Milied Solidali mingħand ir-Reġjun ta' Għawdex li huma:-

- Għoti ta' Ikla tal-Milied għall-persuni partikulari fil-Lokalità - Kien hemm qbil fuq din l-attivita' u l-Kunsill ser jibgħat ittra lid-djar kollha tan-Nadur.
- Serata ta' Carol Singing fil-lokalita- Kien hemm qbil li l-Kunsill ikellem il-Kor tal-Muzew tas-Subien.
- Filmat bl-attivitajiet passati fil-Lokalita'- Kien hemm qbil li l-Kunsill jibgħat il-filmati tal-Kunċert li jsir fil-Knisja fil-Milied.

Is-Segretarja innotat li kien hemm talba mingħand resident biex jitneħħew xi sigar perikuluzi fir-roundabout Triq il-Qala. Is-Segretarja innotat li fil-passat il-Kunsill kien ga bgħat din it-talba lil MGOZ taħt administrazzjoni oħra. Kien hemm qbil li din it-talba tar-resident terggħa tintbgħat lil MGOZ bil-customer care peress li din triq arterjali.

Talba mingħand Charles Azzopardi dwar kolloborazzjoni ta' Ktieb fuq in-Nadur. Kien hemm diskussjoni fit-tul fuq dan bejn il-Kunsilliera. Is-Sindku, Edward Said ressaq din il-Mozzjoni fuq din il-materja:-

Li l-Kunsill jixtri 30 ktieb bil-prezz ta' 70euro il-wieħed li jiġu bl-ammont ta' madwar 2,000 euro kontra invoice lill-Kunsill. Il-Kunsill ikun jgħin fuq il-launch tal-Ktieb fin-Nadur waqt waħda mill-events tal-Kunsill. Il-Kunsill ikollu banner tal-ktieb, l-Kunsill jissapportja il-launch permezz ta' publicita' fuq il-website u social media tal-Kunsill u l-Kunsill jara jistax jgħin biex dawn isibu kumpaniji li lesti biex jgħinu.

Din il-Mozzjoni ġiet sekondata mill-Kunsillier Joseph Vella u l-Kunsilliera kollha favur. Din il-Mozzjoni għaddiet.

Is-Sindku innota li kellu talba mingħand l-Ex. Arc. Salvu Muscat rigward kollaborazzjoni ta' Esibizzjoni fuq Carlo Acutis. Kien hemm qbil li din l-attivita' isir bil-kolloborazzjoni tal-Kunsill bl-ammont ta' madwar 1,000 euro għal printing.

Il-Kunsill irċieva rapporti fir-rigward tal-performance appraisal bonus tal-ħaddiema tal-CWS biex jimtela minn naħa tal-Kunsill. Is-Sindku innota li dawn kollha qed jagħlu x-xogħol tajjeb u għalhekk ser jingħata l-ammont full minn naħa tagħna. Kien hemm qbil fuq dan.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Edward Said | Sue-Ellen Bugeja |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |

**20.7 Proġetti u Xogħolijiet Oħra.**

**20.7.1 Triq ta' Kenuna-** Irid jitranga l-ħajt u imbgħad ikun jista isir it-tarmak.

**20.7.2 Triq Daħlet Qorrot-** Il-ħajt qed jaqa' u ser isir mill-kuntrattur Roads Construction.

**20.7.3 Ġnien tal-Ħali-** Il-Maintenance għaddej f'dan il-ġnien u kwazi lest.

**20.7.4 Triq ir-Ramla l-Qadima-** Ser jinbeda l-livelli fuq din it-triq u jitkompla x-xogħol.

**20.7.5 Zebgħa Railings Ġnien il-Kunsill-** Dawn ser isiru l-quddiem**.**

**20.7.6 Cameras Ġnien il-Kunsill-** Kien hemm qbil li naraw tistax tinħareg kwotazzjoni li tinkludi it-trinka ukoll.

**20.7.7 Il-Monument tal-FECC u ir-Railing-** Il-Kunsill ser jistenna risposta tal-iskema tal-MGOZ u nipprovaw nirrangaw iċ-ċint.

**20.7.8 Belvedere fi Triq ir-Ramla l-Qadima-** Il-Kunsill qed jistenna mingħand il-Perit għad-disinn u stima.

**20.7.9 Green Wall ta' Xhajma**: Ser isir survey il-quddiem.

**20.7.10 Pjanci fil-Ġnien ta' Kenuna** – Il-Kunsill qed immexxi fuq dan.

**20.7.11 Dawl fis-soft area ta' Triq it-Tramuntana-** Il-Kuntrattur D Illumination qed jara fuq dwal.

**20.7.12 Gazebo fil-Playing Field ta' San Blas –** Il-Kunsill għadu ma irċieva l-ebda risposta mingħand is-suppliers.

**20.7.13 Muxa fi Triq San Gwann** – Il-Kunsill ser jaħdem fuq din il-quddiem.

**20.7.14 Ir-Railing ta' Triq il-Madonna ta' Fatima-** Il-MGOZ ser jgħatuna r-railings u jagħmlu x-xogħol il-ħaddiema tal-Kunsill.

**20.7.15. Ir-Railings ta' Triq ir-Rabat –** Il-Kunsill għadu jistenna minn naha tal-MGOZ rigward dawn peress li qedin f'Triq Arterjali. Is-Sindku issuggerixxa li l-Kunsill jitkellem magħhom biex filkas isir xogħol minn naha tal-Kunsill peress li hemm il-periklu u jitħallas il-materjal minn MGOZ.

Il-Kunsillier Joseph Vella issuggerixxa li l-Kunsill għandu jitlob lil MGOZ għal embellishment gdid ta' street lighting f'Rabat Road u Triq Arc. Saver Cassar ukoll. Is-Sindku innota li d-dawl għadhom f'sitwazzjoni tajba u jkun aħjar li ngħatu prijorita' affarijiet oħra aktar urgenti.

**20.7.16. AED fil-Playing field tal-Ħali** Din ser teħel dalwaqt bil-batterija.

**20.7.17. Latrina ħdejn il-Playing Field ta' San Blas-** Is-Sindku tkellem mal-Perit tal-Kunsill u ser jaħdem fuq stima.

**20.7.18. Bus shelter fil-Pjazza San Pietru u San Pawl**- Il-Kunsill għadu ma irċieva l-ebda risposta mingħand FACES.

**20.7.19. Madum għal bankini**- Il-Kunsill xtara lot ta' madum mingħand District Homes biex jintuza fejn ikun hemm bzonn. Kien hemm qbil fuq dan.

**20.7.20. Mutur tal-Ħaxix-** Is-Sindku innota li hemm bzonn jinxtara mutur ġdid tal-Ħaxix. Kien hemm qbil fuq dan.

**20.7.21. Railings tal-Injam fil-passaġġ tat-Triq il-Madonna ta' Fatima**- Kien hemm qbil li jinbiddel l-injam kollu ta' dan il-passaġġ.

**20.7.22. Statwa ta' San Gwann fi Triq San Gwann-** Il-Viċi Sindku, Eucharist Camilleri ta update fuq din l-istatwa li baqalu jitkellem ma persuna waħda biex ikun hemm qbil biex tiġi restawrata.

**20.7.23. Dar ta' l-Anzjani fin-Nadur**- Il-Viċi Sindku, Eucharist Camilleri ta update dwar dan lil Kunsilliera.

**20.7.24. Latrina Pubblika fi Triq it-Tramuntana**- is-Sindku innota li din il-latrina għandha bzonn tinqala' u tiġi refurbished fis-sena 2021. Kien hemm qbil.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Edward Said | Sue-Ellen Bugeja |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |

**20.7.25. Pending:** It-tabella tal-Merħba, il-Festun tal-fiss fil-Pjazzetta; Il-Fossa ta' Ġnien il-Kunsill.

## 20.8. Attivitajiet, Inizzjattivi u Ħidma Socjali

20.8.1 **Jum il-Kunsill:** Is-Sindku ta update fir-rigward tal-programm. Ser tingħata bookmark b'min ħa l-gieħ matul is-snin kif ukoll booklet. Kien hemm qbil fuq dan.

20.8.2 **Halloween:** Tqassmu ħelu lit-tfal tal-iskola Primarja tan-Nadur b'messaġġ fuqhom.

**20.8.3. Festa San Martin-** Ser titqassam borza lit-tfal tal-Muzew tas-Subien. Għal din l-attivita' ser ikun hemm is-Sindku flimkien mal-Kunsillier Joseph Vella.

**20.8.4 San Koronatu-** Il-Kunsill xegħel il-Pjazza bix-xemgħa.

**20.8.5 Milied-** Kien hemm qbil li jitqassam il-ħelu lil anzjani tad-day centre, Kieb lit-tfal tal-iskola mill-librerija bi prezz madwar 1euro, rigal lil voluntiera ta' matul is-sena u banner fi Triq ir-Rabat.

**20.8.6 Clean Up- Din l-attivita' ser tkun fl-14 ta' Novembru fil-Bajja ta' Daħlet Qorrot bi skip fuq il-post.** Ser ikun hemm prezenti s-Sindku flimkien mal-Kunsillier Jean Paul Portelli.

**20.8.10. Ħad-Dingli Iffirmar Ħbiberija** – Dan għadu pospost minħabba l-Covid-19..

**20.8.11. Attivita' tal-Librerija Programm-** Il-Kunsill għadu mingħajr risposta rigward jekk tistax tiġi posposta l-attivita' minħabba l-Covid-19.

**20.8.12. Librerija**- Kien hemm qbil li l-Kunsill jixtri b'madwar 100euro kotba għal lilbrerija bil-Malti.

**20.8.13. Safra Cicciano –** fadal biss l-aħħar pagamenti ta' Ryanair biex jidħlu**.**

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva

Is-Sindku talab lil Kunsillier Jean Paul Portelli biex jattendi miegħu l-Muzew tas-Subien tan-Nadur, lil Kunsillier Josef Camilleri biex jattendi il-Muzew il-ġdid tan-nisa miegħu, lil Viċi Sindku Eucharist Camilleri biex jattendi site visit Triq ta' kenuna u Triq il-Buskett flimkien mas-Segretarja u l-Ministru għal Għawdex. Talab ukoll lil Kunsillier Joseph Vella jattendi miegħu iċ-Ċentru parrokjali.

**20.9.Rikjesti u Talbiet mill-Pubbliku.**

**20.9.1 Rikjesti mis-Sindku:**

Talba għal bozza fi Triq Dun Bernard Haber. Kien hemm qbiil.

Talba għal sement fi Triq Wied ir-Rihan. Kien hemm qbil.

Talba għal bankini godda bis-sement fi Triq it-Tigrija. Kien hemm qbil.

Talba biex titranga gutter tal-ilma fi Triq tal-bajja ta' San Blas. Kien hemm qbil.

Talba biex jitranga ħajt fi Triq għajn Qasab. Kien hemm qbil.

Talba għal dog bin fi Triq it-Tigrija. Kien hemm qbil.

Talba għal floodlight fi Triq il-Knisja faċċata tal-Knisja ta' Karkanja. Kien hemm qbil.

Talba għal ħadida mal-bankina fi Triq il-Knisja. Il-Kunsill ser jibgħat għal approvazzjoni lil TM.

Talba għal sement taħt ħajt fi Triq il-Buskett. Kien hemm qbil.

Talba biex jinbnew ħitan fi Triq il-Buskett. Kien hemm qbil.

Talba għal rampa fi Triq Dun Bernard Haber bil-madum. Kien hemm qbil.

Talba għal 'no heavy vehicles' fi Triq Dun Bernard Ħaber. Kien hemm qbil.

Talba biex titranga tappiera fi Triq ta' Said. Kien hemm qbil.

Talba għal re location ta' disabled parking minn Triq Ħida għal Triq Dun Guzepp Vella. Il-Kunsill ser jghaddi din it-talba lil TM.

**20.9.2 Rikjesti mill-Viċi Sindku:**

Talba biex isiru toqob għal umbrella fil-Pjazza San Pietru u San Pawl. Il-kunsill ser jara fuq il-post ezatt.

Talba għal traffic management fi Triq ir-Ramla fejn hemm il-Parkings. Is-Sindku innota li dawk saru minn naħa tal-Gvern.

Talba għal Pjanti ġodda fi Sqaq Ciccano. Kien hemm qbil.

Talba għal sinjal mal-garage fi Triq il-Madonna ta' Fatima. Kien hemm qbil.

**20.9.4 Rikjesti mill-Kunsillier Jean Paul Portelli**:

Talba FKNK għal laqgħa mal-Kunsill biex inzidu bird feeders, bird boxes u bird watch gazebos. Kien hemm qbil fuq din il-laqgħa.

**20.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa spiċċat fit-8:00p.m. Il-Kunsill kollu qabel li laqgħa oħra ssir nhar il-Ħamis 3 ta' Diċembru fl-4:30pm.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Edward Said | Sue-Ellen Bugeja |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |